MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 929/2010

**Av. Mark Refalo (ID193380) ghan-nom u in rapprezentanza tal-Consorzio Cavatori Produttori Porfido soc. Coop (Cooperativa registrata fl-Italja numru IT 00442280228)**

***kontra***

**Tal-General Company Ltd (C24528)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-16 ta` Settembru 2010 li jaqra hekk –

*1. Illi Konsorzju rikorrenti suppliet merkanzija u materjal ta' kostruzzjoni lis-socjeta' intimata, fuq ordni maghmula mill-istess intimata;*

*2. U billi minkejja diversi fatturi mibghuta lis-socjeta’ intimata, kopja ta’ liema huma hawn annessi u esebiti bhala “dokumenti A” ghad fadal bilanc ta’ sbatax-il elf tmien mija u tletin Euro u tnejn u disghin centezmu (€17,830.92) li sallum ghadu ma thallasx u dan minkejja li s-socjeta’ intimata minn dejjem accettat li dana l-bilanc kien dovut lir-rikorrenti (kif jirrizulta mill-korrispondenza esebit bhala Dokument “C”);*

*3. U billi ghalhekk is-socjeta’ rikorrenti hija kreditrici tal-kumpanija intimata fl-ammont fuq imsemmi liema ammont ma jinkludix l-imghax kummercjali dovuti skond il-ligi ghal hlas ritardat;*

*4. U billi minkejja giet interpellata diversi drabi sabiex tissalda dan id-dejn inkluz b’ittra ufficjali numru 159/2010 is-socjeta’ intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost, u in vista ta’ kull ma jista’ jirrizulta tul is-smigh tal-kawza r-rikorrenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, salv kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:*

*1. Tipprocedi bis-smigh ta’ din il-kawza bid-dispensa tas-smigh skond il-procedura preskritta fl-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;*
*2. Tikkundanna s-socjeta’ intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont ta’ sbatax-il elf tmien mija u tletin Euro tnejn u disghin centezmu (€17,830.92) bl-imghax kummercjali skond il-ligi sad-data tal-hlas effettiv.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali (mibghuta ai termini ta’ l-artiklu 166A) numru 159/2010 u tal-mandat kawtelatorju numru (sic)/10 u bl-ingunzjoni tal-intimati.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat li l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lill-kumpannija intimata skond il-ligi.

Rat li kienu rispettati t-termini stabbiliti mil-ligi sabiex tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-kumpannija intimata prezentata *seduta stante* fl-udjenza tal-lum.

Qieset l-atti tal-kawza.

Billi t-talbiet kif dedotti fir-rikors mahluf jirrizultaw ippruvati.

Fuq ammissjoni tal-kumpannija intimata, tiddeciedi din il-kawza billi –

**1. Tilqa` l-ewwel talba u taqta` l-kawza bid-dispensa tas-smigh.**

**2. Tilqa` t-tieni talba u tikkundanna lill-kumpannija intimata sabiex thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' sbatax-il elf tmien mija u tletin Euro tnejn u disghin centezmu (€17,830.92) bl-imghax kif mitlub.**

**3. Tikkundanna lill-kumpannija intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluz dawk tal-ittra ufficjali Nru.159/2010 mibghuta ai**

**termini tal-Art.166A tal-Kap.12 u tal-mandat kawtelatorju.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------